Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9778 — TUI AG/RCCL/Hapag-Lloyd Cruises)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 174/05)

1. Fil-15 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— TUI AG ("TUI AG", il-Ġermanja),

— Royal Caribbean Cruises Ltd ("RCCL", il-Liberja),

— Hapag-Lloyd Kreuzfahrten GmbH ("Hapag-Lloyd Cruises", il-Ġermanja).

TUI AG u RCCL, permezz ta' TUI Cruises GmbH ("TUI Cruises", il-Ġermanja), jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Hapag-Loyd Cruises.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— TUI AG: il-kumpanija finalment prinċipali tat-TUI Group, grupp ta' turiżmu għall-vaganzi integrati li jaħdem permezz tad-diversi lukandi sussidjarji tiegħu, vapuri tla-krużieri, linji tal-ajru, ajruplani, aġenziji tal-ivvjaġġar, operaturi tat-tours u portali online,

— RCCL: operatur dinji ta' krużieri oċeaniċi,

— TUI Cruises: joint venture li kienet diġà teżisti kkontrollata bi sħab minn TUI AG u RCCL attiva fil-provvista ta' krużieri oċeaniċi, primarjament lil klijenti li jitkellmu l-Ġermaniż,

— Hapag-Lloyd Cruises: il-provvista ta' krużieri oċeaniċi, primarjament lil klijenti li jitkellmu l-Ġermaniż.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9778 — TUI AG/RCCL/Hapag-Lloyd Cruises

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").